**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Illum: 13 ta' Gunju, 2016**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Trevor Micallef)**
**(Spettur Fabian Fleri)**

**vs**

**Mark Saviour Borg**
**(ID 2020980(P))**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Mark Saviour Borg, ta' 48 sena, iben Saviour u Marcia Shanks, imwieled l-Ingilterra, nhar il-11 ta' Marzu 1968 u joqghod Casuarina, Triq Luigi Apap, San Giljan, detentur ta' passaport Malti nru. 756204 u karta tal-identita` nru. 2020980P;

Akkuzat talli nhar it-13 ta' Mejju 2016, ghall-habta tas-5.45 a.m. gewwa l-istabbiliment bl-isem ta' 'Makaras' li jinsab fi Triq San Gorg, San Giljan:

1. Ikkommetta serq ta' flus u xi oggetti ohra, liema serq hu kkwalifikat bil-vjolenza, bil-valur, li ma jeccedix l-elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37) u bil-hin u li sar ghad-dannu ta' Megded Iskandar u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entita` u/jew entitajiet ohra;

2. Bla ordni skond il-ligi tal-awtorita` kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Branislav Bogdanovic kontra l-volonta` tieghu;

3. Garr il-barra minn xi fond jew id-dintorni tieghu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun minghajr ma kellu licenza jew permess minghand il-Kummissarju tal-Pulizija.

Iktar talli nhar is-16 ta' Mejju 2016 ghall-habta tas-6.00 a.m., gewwa l-istabbiliment bl-isem ta' 'Makaras', li jinsab fi Triq San Gorg, San Giljan:

4. Bil-hsieb li jaghmel delitt ikkwalifikat bil-vjolenza u bil-valur li ma jeccedix l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37) ghad-dannu ta' Meged Iskandar, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga indipendenti u accidentali mill-volonta` tieghu;

5. Bla ordni skond il-ligi tal-awtorita kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Mohammed Kazim Haider kontra l-volonta` tieghu;

6. Garr il-barra minn xi fond jew id-dintorni tieghu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun minghajr ma kellu licenza jew permess minghand il-Kummissarju tal-Pulizija.

Finalment gie akkuzat ukoll talli rrenda ruhu recidiv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta permezz ta' diversi sentenzi moghtija fil-konfront tieghu, kemm mill-Qrati ta' Malta, kif ukoll minn Qrati Inglizi, liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti esebiti;

Rat ukoll illi waqt l-ezami tal-imputat skond il-ligi, huwa wiegeb li huwa hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, liema ammissjoni huwa rega' kkonfermaha wara li l-Qorti a tenur tal-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga' lura minnha;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmula mill-imputat ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu, il-Qorti ma tistax hlief issibu hati ta' dawn l-istess imputazzjonijiet.

Qieset ghal fini ta' piena illi r-reati kkontemplati fit-tieni u t-tielet imputazzjonijiet servew bhala mezz ghall-fini sabiex seta' jigi kommess ir-reat ikkontemplat fl-ewwel imputazzjoni u illi r-reati kkontemplati fil-hames u s-sitt imputazzjonijiet servew bhala mezz ghall-fini sabiex seta' jigi kommess ir-reat ikkontemplat fir-raba' imputazzjoni u ghaldaqstant f'dan ir-rigward applikat id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 17(h) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Applikat ukoll id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 17(b) tal-Kap. 9 fir-rigward tar-reati kkontemplati fl-ewwel u fir-raba' imputazzjonijiet.

Qieset ukoll ghal fini ta' piena, illi l-imputat ikkopera bis-shih mal-pulizija waqt l-investigazzjoni taghha, kif jirrizulta mill-istqarrija rilaxxjata minnu u anke l-ammissjoni mill-izjed bikrija tal-istess imputat f'dawn il-proceduri.

Ikkunsidrat ukoll mill-banda l-ohra n-natura u s-serjeta` tal-imputazzjonijiet odjerni, kif ukoll il-fedina penali tal-imputat li tinkludi sejbien ta' htija dwar varji reati fosthom hsara volontarja, serq aggravat, ksur tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta, hsara involontarja u pussess semplici tad-droga, liema reati jirrisalu ghas-snin tmenin u disghin u kundanna izjed ricenti dwar diversi reati ta' serq aggravat, fost reati ohrajn, ferm simili ghar-reati mertu ta' dan il-kaz u li dwarhom l-imputat gie kkundannat ghal piena ta' erba' snin prigunerija effettiva.

Qieset ukoll illi f'dan il-kaz, ir-*res furtiva* ma gietx ritornata u illi jidher li l-imputat ghandu l-vizzju tad-droga.

Ikkunsidrat ukoll it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena u li tenut kont tal-kunsiderazzjonijiet taghha fuq indikati, piena ta' tliet snin u nofs prigunerija hija wahda idonea.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 17(b) u (h), 20, 31, 41(1)(a), 49, 50, 86, 261(a), 261(c), 261(f), 262, 267, 270, 275, 277(a), 280(2) u 289 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikoli 6 u 51(7) tal-Kap. 480 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, qed issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u

qeghda tikkundannah ghall-piena ta' **tliet snin u nofs prigunerija effettiva**, mil-liema ghandu jitnaqqas iz-zmien li l-hati nzamm taht arrest preventiv biss in konnessjoni mar-reati li taghhom qed jinstab hati permezz ta' din is-sentenza.

Ai termini tal-Artikolu 23 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna l-konfiska tad-Dokument FF3.

In oltre ai termini tal-Artikoli 392C u 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tikkundanna lill-hati ghall-hlas, lir-Registratur, tal-ispejjez tal-esperti li gew mahtura fl-istadju tal-process verbal tal-inkjesti li saru dwar dan il-kaz, l-ammont ta' liema spejjez ghandu jigi stabbilit mir-Registratur u ghandu jithallas mill-hati fi zmien sentejn mil-lum.

Il-Qorti qed tigbed l-attenzjoni tad-Direttur tal-Habs illi huwa ferm importanti li l-hati jinghata l-ghajnuna u l-kura kollha necessarja sabiex jirrijabilita ruhu mill-vizzju tad-droga, fosthom billi jinghata l-possibilita` li jsegwi programm ta' rijabilitazzjoni mill-istess vizzju.

Tordna li kopja tas-sentenza tintbaghat lid-Direttur tal-Habs.

Tordna li l-atti flimkien ma' kopja ta' din is-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mil-ligi.

Natasha Galea Sciberras
Magistrat